



# Anniversarju Ġużeppin Importanti

minn **Mario Fenech**



Is-Sena 2009 hija waħda importanti għal dawk kollha li huma devoti ta' San Ġużepp. Dan għaliex 500 sena ilu, b'digriet maħruġ mill-Awtoritajiet Governattivi ta' dak iż-żmien flimkien ma' dawk Ekkleżjastiċi, id-Data tad-19 ta' Marzu ġiet iddikjarata bħala Festa Pubblika u Kmandata.

Dan ma seħħx b'kumbinazzjoni, seħħ għaliex dak iż-żmien id-devozzjoni lejn San Ġużepp kienet waħda ferm kbira tant li dak iż-żmien hemm ħjiel li kienet diġà teżisti l-ewwel fratellanza Ġużeppina fil-Gżejjer Maltin, dik tar-Rabat tal-Imdina.

Dak iż-żmien, it-tmexxija tal-pajjiż kienet miġbura fl-Imdina, allura kienet deċiżjoni li ttieħdet għaliex in-nies kienu diġà qegħdin juru l-imħabba tagħhom lejn dan il-Qaddis li rebaħ il-ġenna u sar patrun tal-Knisja Universali u Protettur tal-Moribondi.

Minn din id-data 'l hawn l-isem imqaddes ta' San Ġużepp tnaqqax b'ittri tad-deheb f'għadd ta' knejjes bliet u rħlua f'Malta u Għawdex. Bosta huma dawk il-Fratellanzi li huma taħt il-Patroċinju ta' San Ġużepp.

Fil-lokalità tal-Ħamrun San Ġużepp għandu waħda mill-itwal toroq kummerċjali msemmija għalih. Fl-istess triq insibu s-Sede tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp li ta' kull sena tipparteċipa fil-Festa ta' dan il-Qaddis li ssir fix-xahar ta' Mejju.

Kienet għalhekk deċiżjoni għaqlija li ttieħdet minn din is-Soċjetà biex f'għeluq il-500 sena mis-Solennità ta' San Ġużepp tiġi mtellgħa Wirja Nazzjonali Ġużeppina fis-Sede tas-Soċjetà. Il-ħsieb mill-ewwel kien li f'din il-wirja jipparteċipaw dawk il-Fratellanzi, Għaqdiet, Każini tal-Banda u Gruppi li huma taħt il-Patroċinju ta' San Ġużepp.

Dawn kollha ġew mistiedna biex jipparteċipaw mhux biss fil-Wirja, iżda wkoll fl-attivitajiet li se jiġu organizzati. Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn dak kollu li hemm esebit f'din il-wirja u jaqra d-dettalji tal-Programm tal-Attivitajiet, għandu jinduna kemm kienet kbira l-ħeġġa tal-Ġużeppini biex matul dawn il-jiem tal-wirja, San Ġużepp ikun fuq fomm kulħadd.

Dak kollu li qed ikun esebit f'din il-wirja għandu jservi ta' ċertifikat ta' kemm huwa kbir il-Kult Ġużeppin fil-Gżejjer Maltin. Wieħed għandu





japprezza li dawk l-opri kollha li qegħdin għal wiri ġew miġjuba mill-kenn tagħhom fejn jintrefgħu matul is-sena sakemm jiġu biex jintramaw waqt il-jiem tal-Festa.

Dawn l-opri saru matul is-snin b'sagrifiċċji kbar minn dawk li mxew fuq l-eżempju ta' San Ġużepp, raġel ġust u bieżel. Għaldaqstant nagħlaq din il-kitba tiegħi b'silta mit-Talba lil San Ġużepp proposta mill-Papa Ljun XII:

*Xerred dejjem fuq kull wieħed minna l-Patroċinju tiegħek. Sabiex bl-eżempju u bil-Għajnuna tiegħek, nistgħu ngħixu ħajja qaddisa, nagħmlu mewta tajba u naqilgħu l-Hena ta' dejjem ġewwa l-ġenna. Hekk Ikun.*

TN WATERPROOFING SERVICES LTD.
IMPORTERS – CONTRACTORS
Damp Proofing • Sound Proofing • Thermal Insulation • Waterproofing membrane • Coloured Liquid Membrane for walls • transparent liquid membrane for tyles
tel/fax: 2148 4600 • Mob: 9949 5864
www.tnwaterproof.com • info@tnwaterproof.com

Ta' Valletta
L'Ikbar Ghazla... ...B' l-aqwa prezz

Statwi u Bambini ta' Spanja "Spanish Prestige" • Statwi tal-Italja "Arte Religiosa"
Statwi tac ceramika u resin tajbin ghal barra • Statwi titulari ta' Malta u Ghawdex
Raggieri ta' spanja u tad-dawl • Xema ta' kull tip u daqs • Liedna Mahduma u paketti
Uri dan ir-riklam meta tigi tixtri statwa minghand Ta' Valletta u tinghata skont ta 5%
Ta' Valletta - 222A High Street, Hamrun HMR 06
Tel: 21239157 – 21235101 Mobile: 99421683 Fax: 25401122 Email: cedric@keyworld.net